MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 2304/2004

**Gasan Mamo Insurance Limited (C3143) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Alfred Arpa (ID 1038447M)**

**vs**

**Carmel Zahra**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu hlas mill-konvenut li huwa debitur tal-atturi fis-somma ta' ta' hames mija tlieta u disghin Lira Maltin (LM539.00) jew somma verjuri rappresentanti danni li sofrew l-atturi meta l-konvenut waqt li kien qed isuq vettura bin-numru DBY-428 fit-14 ta' Jannar, 2003 gewwa San Pawl il-Bahar habat mall-vettura numri RPA-800 proprjeta' tal-attur Philip Abela u misjuqa minn Clifford Arpa u ikkaguna danni f'din l-istess vettura, liema vettura kienet assikurata *comprehensive* mas-socjeta' attrici assikuratrici.

Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali datata 26 ta' April, 2004 kontra l-konvenut u tal-parir LM15.00 u ta' ittra ufficjali ohra ipprezentat kontestwalment ma dan l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-imghax kontra l-istess konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut konvenut Carmel Zahra fejn issolleva

1. Illi t-l-incident tat-traffiku in kwistjoni gara unikament bi htija ta' Clifford Arpa, xufier tal-vettura Nru. RPA-800, assikurata mis-socjeta' attrici;

2. Bla pregudizzju ghall-premess fil-kaz li dan it-Tribunal isib xi htija fl-eccipjent, din m'ghandiex taqbez il-grad ta' hamsin fil-mija (50%) abbazi tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-1 ta' Dicembru, 2003 fil-kawza fl-ismijiet 'Elmo Insurance Agency Limited noe et vs Antoine Zerafa' (Avviz. Nru. 1573/1999/MM);

3. Fejn jirrigwarda l-eccipjent ma hemmx danni x'jigu likwidatai favur is-socjeta' attrici. Fi kwalunkwe' kaz u bla pregudizzju ghall-premess is-socjeta' attrici ghandha ggib il-prova tad-danni skond il-Ligi;

4. In oltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-eccipjent ghall-hlas ta' danni favur is-socjeta' attrici;

5. L-Eccipjent m'ghandux ihallas spejeez gudizzjari;

6. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi;

Ra x-xhieda tal-PS1174 Adrian Sciberras, u semgha x-xhieda ta' Clifford
Arpa u l-konvenut Carmel Zahra bil-gurmaent.

Ra l-Atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra:

Illi din il-kawza titratta dwar kollizjoni bejn xarabank DBY-428 misjuqa minn Carmel Zahra u vettura RPA-800 misjuqa minn Clifford Arpa, fl-14 ta' Jannar, 2003 fi Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar. L-Incident sehh minn wara *Stop Sign* fi Triq Villeggatura, San Pawl il-Bahar. Kienu t-tnejn sejrin lejn ix-xellug. Iz-Zewg sewwieqa jghidu lli kienu wehedhom wara l-*Istop Sign*.

Illi dwar il-kwantum jidher illi ma hemmx kontestazzjoni.

Illi skond ix-xhieda tal-Pulizija li mar fuq il-post tal-incident huwa jghid illi it-Triq Villeggatura ghandha zewg karregjati u zewg *stop signs*. Hu qal illi zewg karozzi ma joqghodux f'karregjata wahda. Il-karreggata tax-xellug tmur lejn Burmarrad u jekk tax-xarabank kien fuq il-karregjata tax-xellug kien f'pusizzjoni hazina.

Illi a tempo vergine iz-zewg sewwieqa tal-vetturi RPA-800 u DBY-428 jghidu lli kienu weqfin fil-mument tal-impatt u jwahlu f'xulxin min minnhom dahal f'min.

Illi fix-xhieda moghtija miz-zewg partijiet ix-xhieda tal-konvenut Carmel Zahra baqghet l-istess izda is-sewwieq Clifford Arpa jghid illi x-xarabank ma kienetx hemm fil-hin illi kien ha jdur lejn ix-xellug. Is-Sewwieqa tax-xarabank jispjega illi wara li kien dar max-xellug, semgha hoss ta' karozza taqla' u mumenti wara hass daqqa max-xellug tax-xarabank.

Fil-waqt illi fix-xhieda ta' Clifford Arpa in kontro ezami huwa qal illi meta kien wieqaf fuq l-*Istop Sign* ma kienx ra x-xarabank.

It-Tribunal jirrilleva li trattandosi ta' zewg verzjonijiet tal-konvenuti konfliggenti, ikollha tirreferi u toqghod fuq id-deposizzjonijiet kontrastanti moghtija mill-partijiet u testendi l-indagini taghha fuq il-provi dokumentali li ghandhom iwassluha ghas-soluzzjoni gusta tal-vertenza.

It-Tribunal ghandu jabbina x-xhieda mal-*isketch*. Min dan jidher car illi x-xarbank kien f'posizzjoni angolata sejjer lejn Burmarrad. Mall-genb tieghu, fuq ix-xellug hemm l-vettura RPA-800 misjuqa minn Clifford Arpa. It-Tribunal huwa tal-fehma lli iz-zewg vetturi kienu miexja mall-impatt.

It-Tribunal jifhem illi sabiex ix-xarabank idur fuq ix-xellug bil-fors kellu jkun ftiti barra mill-karregjata tax-xellug fi Triq Villeggatura, sabiex ikollu '*turning circle*' adegwata sabiex jidhol f'Mosta Road. Din it-tesi tabbina mal-*isketch* esebit. Jidher illi minn banda l-ohra Clifford Arpa ha l-opportunita' mill-spazju lli kien hemm bejn ix-xarabank u t-triq u dahal bejn dan l-ispazju, konvint illi setgha jghaddi qabel ix-xarabank. Gara lli tax-xarabank kompla jirristringilu l-ispazju sakemm ghafas ghal fuqu u hawn sar  l-impatt, izda x-xufier tax-xarabank lewa fid-dritt sabiex jevita impatt akbar.

Illi t-Tribunal huwa konvint illi x-xufier tax-xarabank kien ha l-prekawzjonijiet necessarji sabiex jaqla' kif  suppost u huwa konvint ukoll illi l-posizzjoni tax-xarabank qabel ma qalghet kienet sabiex ikollu *turning circle* adegwata. Is-Sewwieq tal-vettura RPA-800 qal illi ma kienx ra x-xarabank  hu u hiereg minn Triq Villeggatura izda saba fuqu. It-Tribunal jikkonsidra illi din il-verzjoni hija inverosimili specjalment jekk wiehed jara l-istqarrija a tempo vergine kif ukoll jikkonsidra l-impatt li sehh.

Clifford Arpa ha riskju mhux ikkalkulat ghaliex missu nduna lli meta ha jaghmel il-manuvra minn naha ta' gewwa ta' vettura kbira bhal ma hija xarabank l-ispazju tieghu ha jidjieqlu.

It-Tribunal jikkonkludi lli x-xufier  tax-xarabank ha l-prekawzjonijiet necessarji meta gie biex jaqla' l-vettura tieghu minn Triq Villeggatura lejn id-direzzjoni ta' Burmarrad fil-waqt illi s-sewwieq tal-vettura RPA-800 ma zammx '*a  proper look out'*  u haseb illi ha jkun f'posizzjoni li jaqbez lil tax-xarabank. Ghalhekk it-Tribunal isib li Clifford Arpa kien traskurat u negligenti  fis-sewqan u jsib illi l-incident tat-traffiku gara unikament htija tieghu.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi lli jichad t-talba tal-atturi u jiddikjara lli l-kollizjoni illi gara fl-14 ta' Jannar, 2003, fi Triq Mosta, San Pawl il-Bahar, grat tort tal-vettura RPA-800.

Spejjez a karigu tal-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------